MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2008

Talba Numru. 649/2007

**Mary Koubaa (I.D. 631148M)**

**Vs**

**Maltacom p.l.c. – C22334 u b'digriet tat-Tribunal tal-10 ta' Dicembru 2007 l-isem tas-socjeta' attrici 'Maltacom p.l.c.' gie sostitwit ghal 'Go p.l.c.' u kwalsiasi referenza ghal 'Maltacom p.l.c.' giet sostiwita b''Go p.l.c.'**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erba' mija u wiehed u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€431.96) - (Lm225.50c) rapprezentanti servizz telefoniku li jgib in-numru 21491250 (CN 693769, AC 10165430) skond diversi kontijiet mibghuta lilha u skond dokumenti annessi :– IZY 1 applikazzjoni ghal servizz telefoniku, IZY 2 ftehim dwar is-servizz telefoniku u IZY 3 prospett ghas-servizz relattiv.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ erba’ mija u wiehed u tletin Euro u sitta u disghin centezmu (€431.96) - (Lm225.50c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------